MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 603/2004

Kawza fil-lista: 15

**Maltacom p.l.c.**
**Vs**
**Emanuel Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet Maltacom p.l.c. kontra Spiteri Emanuel (Cit. Nru. 2923/97RCP) giet deciza min din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Jannar, 1999, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta, illum Maltacom p.l.c. s-somma ta' Lm1,456.22 (elf, erba' mija, sitta u hamsin liri Maltin, tnejn u ghoxin centezmi), in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 339851 u 343115.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikat, oltre Lm134.83 (mija, erba' u tletin liri Maltin, tlieta u tmenin centezmi) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A", kif ukoll Lm504.82 (hames mija u erba' liri Maltin, tnejn u tmenin centezmi), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sas-7 ta' Lulju 2004, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponent huwa ta' Lm2,095.87 (elfejn u hamsa u disghin liri Maltin, seba u tmenin centezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati oppotuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------